

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Rati Tal-imgħax](#) > France

## Rati tal-imgħax



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

L-imgħax bir-rata statutorja huwa kumpens għad-danni dovuti minħabba “dewmien fil-ħlas ta’ somma flus” (l-Artikolu [1231-6](#) tal-Kodiċi Ċivili). Il-partijiet jistgħu jiftiehemu mod ieħor permezz ta’ klawżola fil-kuntratt.

Ir-rata statutorja hija stabbilita skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi.

Barra minn hekk, fil-kwistjonijiet kollha, il-kundanna għad-danni hija awtomatikament soġġetta għal imgħax bir-rata statutorja (l-Artikolu [1231-7](#) tal-Kodiċi Ċivili).

### 2 Jekk iva, x’inhu/x’inhil-ammont / ir-rata u x’inhil-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

Il-Ministru responsabbli għall-ekonomija jstabbilixxi r-rata tal-imgħax statutorja kull 6 xhur. Dan jiġi kkalkulat abbażi tar-rata ta’ politika ewlenija tal-Bank Ċentrali Ewropew fuq l-operazzjonijiet ta’ rifinanzjament ewlenin tiegħu u r-rati mitluba mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu u l-kumpaniji finanzjarji.

Hemm żewġ rati ta’ mgħax statutorju:

- ir-rata applikabbli għal kreditur li huwa persuna fiżika li ma tagħxix fil-kors ta’ negozju. Din ir-rata tiegħu inkunsiderazzjoni r-rati medji effettivi ta’ kreditu personali (Artikolu [L. 313-2](#) tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju).
- ir-rata applikabbli fil-każijiet l-oħra kollha (b’mod partikolari meta l-kreditur ikun negozju).

### 3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Minbarra l-imgħax statutorju “sempliċi” (ara l-mistoqsija 2), l-imgħax statutorju jista’ jkun:

- miżjud fil-każ ta’ ordni magħmula minn qorti. Ir-rata ta’ mgħax statutorju tiżdied b’ħames punti mal-iskadenza ta’ terminu ta’ xahrejn mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-qorti saret eżekuttiva (Artikolu [L. 313-3](#) tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju).
- kompost jew kapitalizzat. L-imgħax statutorju akkumulat fuq minimu ta’ sena sħiħa jista’ fih innifsu jgħorr l-imgħax (l-Artikolu [1343-2](#) tal-Kodiċi Ċivili). Dan għandu jkun previst fil-kuntratt jew fid-deċiżjoni tal-qorti.

## 4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Informazzjoni utli dwar l-imgħax bir-rata statutorja applikabbli fi Franza tista' tinstab fuq is-sit web [Service-public.fr](http://Service-public.fr) ([Qu'est-ce que l'intérêt légal ? | Service-Public.fr](http://Service-public.fr)).

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet legali u regolatorji kollha fis-seħħ huma disponibbli fuq is-sit web [legifrance.gouv.fr](http://legifrance.gouv.fr).

---

■ L-aħħar aġġornament: 10/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.